

Brussell, 27 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5286/23

CDR 8

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar tliet membri u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz tal-ittri tal-21 ta' Ġunju 2022, tal-20 ta' Settembru 2022, tal-21 ta' Ottubru 2022, tat-8 ta' Novembru 2022 u tat-23 ta' Jannar 2023, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Sergio CACI, is-Sur Guido CASTELLI u s-Sur Salvatore Domenico Antonio POGLIESE, membri fil-Kumitat tar-Reġjuni, ġew proposti għall-ħatra u ġew maħtura, u bir-riżenja tas-Sur Roberto PELLA, membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni¹.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 10546/22, 12743/22, 14505/22 + ADD 1, 14665/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tagħhom, il-Gvern Taljan ippropona² lis-Sur Lorenzo GALLIGANI, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Consigliere del Comune di Pistoia* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Pistoia), u s-Sur Andrea PUTZU, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Consigliere della Regione Marche* (Membru tal-Kunsill Reġjonali ta' Marche), bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025, u s-Sur Roberto PELLA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Valdengo (BI)* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Valdengo (BI)) bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Mejju 2024.
4. Barra minn hekk, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Roberto PELLA, il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Antonio DECARO, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Bari), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Mejju 2024.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 5285/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 5281/23.